**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 103/2001/1**

**Carmelo Briffa u b'digriet tal-Bord tal-10 ta' April 2008 wara l-mewt tieghu l-atti kienu trasfuzi f'isem Alfed Briffa, Maria Meilak, John Briffa, Joseph Galea, Carmel Galea, Rita Grima, Tessie Cutajar, Mary Gatt, Victor Briffa, Carmelo Briffa, Frankie Briffa, Andrew Briffa.**

**vs**

**Rita Cassar, u b'digriet tal-Bord tal-25 ta' Frar 2002 gew mizjuda l-kliem 'u zewgha Joseph Cassar ghall kull interess li jista jkollu', u wara l-mewt ta' Joseph Cassar b'digriet tal-Bord**

**tal-14 ta' Gunju 2012, wara li l-werrieta prezunta ma rregistrat ebda risposta, gew mahtura bhala kuraturi ad litem l-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Victor Bugeja fit-turn tal-lum sabiex jirraprezentaw l-interessi tad-decujus skond l-Art. 807 u 809 Kap. 12**

**Illum, 06 ta' Marzu 2017**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponent jikru lill-intimata il-fond residenzjali 58, Prince Albert Street, Albertown, Marsa versu l-hlas ta' tmintax-il Lira Maltija (LM18) fis-sena bl-iskadenza li jmiss tithallas fil-31 ta' Dicembru, 2001;

Illi l-intimata ikkawzat hsarat konsiderevoli fil-fond imsemmi u di più wettqet kambjament ta' destinazzjoni stante in-non uzu tal-istess;

Illi l-intimata, apparti dak kollu precitat hija ghal kollox inadempjanti fl-obbligazzjonijiet generali tal-kirja, peress li naqset li tiehu hsieb il-fond de quo b'dik id-diligenza rikjesta mil-ligi fic-cirkostanzi bhal fost ohrajn manutenzjoni ordinarja tal-istess fond;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-qima jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 58, Prince Albert, Albertown, Marsa prevja l-prefizzjoni ta zmien qasir u perentorju lill-intimata biex tizgombra mill-insemmi fond.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata li tghid hekk:

Illi zewgha ghalkemm ma jidhirx fir-rikors gie effettivament notifikat u ismu ghandu jigi inkluz fl-istess kawza. Isem zewgha huwa Joseph Cassar.

Fit-tieni lok il-fatti allegati huma infondati peress illi mhux veru li l-intimati wettqu kambjament ta' destinazzjoni stante in-non uzo, illi naqsu milli jiehdu hsieb il-fond b'diligenza rikjesta mill-ligi, anzi ghamlu spejjez li huma suppost responsabbilità tas-sid.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-26 ta' April 2016.

Ra illi l-intimati baqghu ma pprezentaw l-ebda nota ta' sottomissjonijiet minkejja t-terminu ulterjuri lilhom koncess.

Ra illi l-kawza regghet thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu li jiehdu lura l-pussess tal-fond numru 58, Prince Albert Street, Albertown, Marsa minhabba (a) hsarat konsiderevoli, (b) kambjament ta' destinazzjoni stante non uzu u (c) l-intimata naqset li tiehu hsieb il-fond b'dik id-diligenza rikjesta mil-ligi.

Illi l-intimata eccepiet illi (1) zewgha ghandu jigi nkluz fir-rikors u (2) il-fatti allegati huma infondati stante (a) mhux veru li kien hemm kambjament fid-destinazzjoni tal-fond bin-non-uso u (b) li hi tiehu hsieb il-fond tant li ghamlet ukoll spejjez li huma responsabbiltà tas-sid.

Illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata bl-inkluzjoni ta' zewg l-intimata fir-rikors kif jirrizulta mill-atti a folio 6 et sequitur tal-process.

Illi r-rikorrenti ressqu diversi provi. Illi mix-xhieda kemm tar-rikorrent Carmelo Briffa permezz tal-affidavit tieghu, a folio 9 tal-process, kemm ta' Tessie Cutajar, in-neputija tieghu li tghix fuq l-istess fond, a folio 18 tal-process, kif ukoll kemm ta' Stephen Grima, a folio 30 tal-process, jirrizulta fic-car illi l-intimata abbandunat il-fond u ma baqghetx tghix fih u tuzah ghajr ghall-annimali domestici u bhala store ghall-affarijiet domestici. Illi l-istess xhieda kollha kkonfermaw li l-intimata ma kinitx ghadha tghix fil-fond ghaliex marret tabita fil-fond numru 55 fl-istess triq. U kien ilha xi sentejn ma tghix fil-fond qabel giet istitwita l-kawza odjerna.

Anke mid-dokumenti mressqa mir-rapprezentant tal-ARMS Antonella Axisa, a folio 52 et sequitur tal-process, jirrizulta li s-servizzi tad-dawl u

l-ilma ma kinux qed jintuzaw u dan ghal xhur u anke snin shah stante li l-konsum tal-istess jirrizulta “0”.

Dan in-non uso kif ukoll l-abbandun tal-fond gie ukoll konfermat mill-Periti Teknici fir-rapport taghhom a folio 95 et sequitur tal-process.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati, l-istess intimati ma ressqu l-ebda prova. Xehdet biss l-intimata Rita Cassar u dan in subizzjoni, a folio 61 et sequitur tal-process. Illi l-intimata tghid li zewgha kien ghadu jghix fil-fond mertu tal-kawza minhabba li hi u r-ragel isseparaw. Ta’ dan però ma gabet l-ebda prova.

Illi l-istess intimata tammetti illi fil-mori tal-proceduri hija qabdet xi nies ibajdu u jkahhlu l-fond. Illi dan però ma jfissirx illi precedentament ghal dawn il-proceduri hija kienet tiehu hsieb il-fond kif inhu l-obbligu ta’ kull inkwilin. Anzi ghall-kuntrarju juri li hi kienet abbandunat il-fond u b’dawn ix-xoghlijiet qed tipprova turi mod iehor.

Illi mill-assjem tal-provi ghalhekk il-binarji li fuqhom sejjes l-kawza r-rikorrent jirrizultaw pruvati u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta’ zgumbrament mill-imsemmi fond jiffissa terminu ta’ zmien tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur